# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23

It-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana iltaqa' fis-Sala tal-Komunità li tinsab fi Triq ta' Mulejja, nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020 fl-5.30pm.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**23.1 Talba;**

23.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-5.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**23.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

23.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**23.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

23.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 22 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

23.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

23.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

23.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**23.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

23.4.1 Is-Sindku Saviour Borg beda billi awgura lis-Sur Carmel Portelli mill-lokalita' tal-Fontana, u membru tal-*band The Tramps*, li ngħata Ġieħ ir-Repubblika, f'Jum ir-Repubblika 2020. Il-Kunsill awguralu u ser tintbagħat ittra għal dan il-għan.

23.4.2 Is-Sindku informa lil membri preżenti li bi żvista, fil-laqgħa preċedenti ma ntqalx li twaħħlet l-AED fl-ispazju miftuħ fuq il-bejt tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

23.4.3 Is-Sindku għarraf li sar *site meeting* mill-Perit Toni Bezzina u l-Perit

tal-Kuntrattur rigward kif se jibdew ix-xogħlijiet tal-proġett ta' tisbieħ bil-*porvido* fi Triq iċ-Ċentru Parrokkjali u f'parti minn Triq Ta' Mulejja (wara s-Sangristija). Għal din il-laqgħa attenda hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva wkoll il-*works programme* mill-kuntrattur u hemm miktub li se jibda' fl-4 ta' Jannar 2021 u jispiċċa fil-11 ta' April 2021. Hu qal li jrid isir *Archeaological Monitor* waqt ix-xogħlijiet. Il-Perit Toni Bezzina ssuġġerixxa lis-Sur J. Grima. Is-Sur Horace Micallef staqsa minn fejn ħarġet din it-tema ta' l-*Archaeological Monitor*. Is-Sindku wieġeb li hija waħda mill-kundizzjonijiet tal-permess. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-istima tal-*Archaeological Monitor*. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta din l-istima, u anke li l-Kunsill jiffirma l-kuntratt mal-Awtorita' tal-Ippjanar skond il-*works programme* mogħti mill-kuntrattur.

23.4.4 Is-Sindku informa li l-Kunsill qassam bieb bieb l-avviż tal-Laqgħa Pubblika li għadha kemm saret u li għaliha m'attenda ħadd. Hu qal li ir-residenti kienu nfurmati wkoll permezz ta' avviż fuq il-paġna tal-Kunsill fuq *Facebook* u fin-*noticeboards* tal-Kunsill.

23.4.5 Is-Sindku Saviour Borg informa lil dawk preżenti li sar it-tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-lokalita' kif kien hemm qbil fil-laqgħa preċedenti.

23.4.6 Is-Sindku informa li ġie ffirmat il-kuntratt tat-tender *Service Tender for the collection of Household Waste from the Locality of Fontana in an Environmentally Friendly Measure*. Il-kuntrattur issa jrid iġib il-*performance guarantee* u l-*insurance*, biex b'hekk ikun jista' jibda bl-offerta l-ġdida mill-bidu tas-sena l-ġdida.

23.4.7 Is-Sindku informa li tkellem mal-kuntrattur dwar żewġ fanali dekorattivi għaz-zuntier fuq l-istil bħal dawk li hemm fi Triq il-Għajn u fi Triq l-Isptar San Ġiljan biex jkunu jikkomplementaw. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta fuq hekk.

23.4.8 Is-Sindku informa li saret il-manutenzjoni taż-żebgħa tal-kliem tal-Monument tal-Logħob tan-Nar mill-marmista li ħadmu.

23.4.9 Tqassmu l-*face masks* bl-arma tal-Kunsill lill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li jingħataw żewġ maskli lil *Heritage Malta* għall-Mużew tat-Tessuti fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur fil-Birgu. Kien hemm qbil.

23.4.10 Is-Sindku ppropona biex isir *binding* tal-minuti mis-sena 2008 il quddiem bħalma saru tas-snin ta' qabel. Hekk ikunu miġburin kif suppost. Il-Kunsill qabel.

23.4.11 Is-Sindku informa li it-tabella tal-konfini fi Triq ix-Xlendi marret bix-xemx. Issuġġerixxa biex issir *sticker* ġdida. Kien hemm qbil.

23.4.12 Is-Sindku qal li għamel żjara fuq il-post mal-Perit Gordon Vella rigward x'inhi l-aħjar soluzzjoni minħabba li qed jidħol l-ilma mis-saqaf ħdejn il-bieb tas-Sala tal-Komunita'. Hu qal li l-Perit issuġġerixxa li l-aħjar soluzzjoni hi li jinqala' l-madum u titneħħa t-torba biex jinkixef il-bejt, isir kontrabejt u *liquid membrane* fuqu imbagħad jitwaħħal il-madum dirett fuq il-*concrete*. Is-Sindku ppropona li minflok madum isir konkos bl-*istencil* għax bil-madum ikun hemm aktar fili. Is-Sur Horace Micallef issuġġerixxa hux l-aħjar li jitnaddaf ir-ramel imbagħad isir *foam membrane*. Wara diskussjoni kien hemm qbil biex il-Kunsill ikellem lil Perit Gordon Vella biex jagħmel rapport x'irid isir.

23.4.13 Is-Sindku ssuġġerixxa biex is-sena d-dieħla ssir siġra tal-Milied fl-ispazju miftuħ bejn iz-zuntier u l-*playingfield*. Is-Sur Horace Micallef qal li l-Kunsill jista' jġib il-fondi mid-Dipartiment tal-Kultura.

23.4.14 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill bagħat imejl lid-Dipartiment għal Gvern Lokali minħabba l-allokazzjoni tal-Baġit minħabba l-laqgħa Pubblika peress li kienet għadha ma' ntbagħtitx. Hu qal li ftit wara li l-Kunsill bagħat din it-talba, il-Kunsill irċieva d-dettalji tal-allokazzjoni. Hu kompla billi qal li l-allokazzjoni għal din is-sena hi ta' €176,520.

23.4.15 Is-Sindku informa li l-Kunsill reġa' kiteb lid-Direttur għal Gverjn Lokali, is-Sur C. Galea minħabba l-flus li d-Dipartiment irid jirrifondi lill-Kunsill ħabba l-ġabra tal-iskart riċiklabbli u dak tal-ħġieġ. Hu qal li r-risposta tad-Direttur kienet li għadda d-dokumenti lis-sezzjoni tal-*Accounts* biex dawn jirrifondu l-flus.

23.4.16 Is-Sindku informa li ftit ħin qabel il-laqgħa rċieva telefonata mingħand is-Sur G. Azzopardi, CEO tal-Partit Laburista minħabba s-siġra li l-Partit irid iħawwel fl-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-istess Partit. Is-Sindku qal li din is-siġra taċ-ċipress, tpoġġiet f'qasrija fuq il-belvedere ta' Triq Għajn Tuta. Hu qal li s-Sur Azzopardi qallu li

l-post fejn ippropona l-Kunsill m'għoġobhomx u jixtiequ post aktar prominenti. Għalhekk huwa ppropona biex titħawwel f'post fil-*playingfield.* Hu nfurmah li jekk jaċċetta, għandu jkellmu s-Sur M. Buttigieg biex flimkien miegħu jaraw fejn tista' ssir fil-*playingfield.* Is-Sindku qal li iltaqa' mas-Sur M.Buttigieg u nstab post fil-*playingfield* peress li din ma' tieħux ħafna spazju anke meta tikber. Is-Sindku qal li nfurmawh li din se tiġi nawgurata nhar il-Ġimgħa li ġej. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

23.4.17 Is-Sindku informa wkoll li ġie mistieden mir-Reġjun Għawdex biex jaqra messaġġ b'rabta mal-attivitajiet tal-Milied flimkien mas-Sindki l-oħra Għawdex. Hu qal li dan ser isir nhar l-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2020 fil-Ġnien Villa Rundle.

23.4.18 Is-Sindku fakkar fl-għoti tal-ikla lil anzjani li jgħixu waħedhom fl-okkażjoni tal-Milied. Hu qal ukoll li tkellem mal-kuntrattur u l-ikel se jitpoġġa f'kaxxi separati biex ma jkunx hemm kuntatt mal-anzjani. Din se titqassam bejn l-10.00am u 12.00pm.

23.4.19 Is-Sindku informa li s-Segretarju tal-Kunsill reġa' kellem lil kuntrattur li jieħu ħsieb il-*live streaming* u *l-video on demand* minħabba l-flat li mhux qed itella' l-laqgħat onlajn, iżda baqa' ma tranġa xejn.

## 23.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku

23.5.1 Is-Sindku Saviour Borg informa li saret is-seduta tal-Qorti dwar ir-rikors kontra l-Awtorita' tal-Artijiet nhar l-4 ta' Diċembru 2020 quddiem il-Maġistrat Dr Simone Grech fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Hu qal li saret trattazzjoni tajba mill-Avukat tal-Kunsill. Għall-Awtorita' tal-Artijet deher Dr Nicholas Magro minħabba l-fatt li Dr Justyne Caruana kienet għadha kemm laħqet Ministru. Il-kawża ġiet aġġornata għall-14 ta' Jannar 2021 għas-sentenza.

23.5.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat tal-Kunsill attendew għall-ewwel seduta tal-appell fil-Qorti ta' Malta dwar il-kawża *Anthony Cassar kontra l-Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta' April 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ġie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawża in statu et terminis*, li saret it-Tnejn, 7 ta' Diċembru 2020 fit-8.35 ta' filgħodu

quddiem il-Prim Imħallef, l-Imħallef Demajo u l-Imħallef Ellul. Din il-kawża ġiet aġġornata għat-18 ta' Jannar 2020 għat-trattazzjoni u imbagħad tmur għas-sentenza.

## 23.6 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett ta' tisbieħ bil-*porvido*

23.6.1 Is-Sindku informa li kif ġa intqal aktar il-quddiem, saret laqgħa fuq il-post mill-Perit Toni Bezzina u l-Perit tal-Kuntrattur rigward kif se jibdew ix-xogħlijiet tal-proġett ta' tisbieħ bil-*porvido* fi Triq iċ-Ċentru Parrokkjali u f'parti minn Triq Ta' Mulejja, u li preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li la darba l-Kunsill irċieva wkoll il-*works programme* mill-kuntrattur, jista' jsir t-tiġdid tal-kuntratti ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar. L-ittra bl-Avukat lill-kuntrattur għalhekk ma ntbagħtitx. Skond il-*works programme*, il-kuntrattur se jibda' fl-4 ta' Jannar 2021 u jispicca fil-11 ta' April 2021. Kif diġa' ntqal qabel, il-Perit Toni Bezzina ssuġġerixxa lis-Sur J. Grima bħala *Archeaological Monitor*. Il-Kunsill talbu stima tax-xogħlijiet li nqrat waqt il-laqgħa u kien hemm qbil fuqha.

## 23.7 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-*main* u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn

23.7.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-kuntratt tal-*Works Tender for the Excavation of Trenches and Replacement of House Connections – Triq il-Għajn, Fontana,* bejn il-kuntrattur u l-Kunsill ġie ffirmat fil-25 ta' Novembru 2020, u sa' dakinhar il-kuntrattur kien għadu ma ġabx il-*performance guarantee,* l-*insurance* u l-*programme of works*, minkejja li l-Kunsill bagħtlu *reminder* u anke fakkru verbalment. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jara x'jgħidu r-regolamenti, u l-Kunsill jerġa' jfakkru. Huwa qal li verbalment il-perit tal-kuntrattur infurmah li hemm żewġ triqat maqlugħin fil-Belt Victoria, għalhekk ma jistax jibda' x-xogħol. Is-Sur Horace Micallef qal li xorta jista' jibda jaħdem, u dik hi skuża.

## 23.8 Ħatra ta' Skrivan/a fi Skala 15 *part time*

23.8.1 Is-Sindku informa li wara li ġie maħtur il-Bord tal-Evalwazzjoni u li

jkun magħmul mis-Sur Paul Buttigieg bħala *Chairperson*, mis-Sindku Saviour Borg, u mill-Kunsillier is-Sur Carmel Farrugia, issa jridu jsiru l-*interviews*. Hu qal li dawn għandhom isiru fil-jiem li ġejjin. Is-Sur Horace Micallef staqsa mil-liema parti (Part 1 jew Part 3) huma dawk li tefgħu s-CV tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jrid jiċċekkja.

## 23.9 Ħruġ ta' Offerti

23.9.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jerġa joħroġ l-offerta għall-apparat tal-logħob (playhouse) fil-*playingfield*. Hu qal li l-Kunsill għandu ammont ta' €2000 mill-Fondi tal-LESA li minnu se jitħallas parti minn dan l-apparat. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li toħroġ din is-sejħa. Is-Sur Horace Micallef staqsa jekk tistax toħroġ *direct order*. Is-Sindku wieġeb li l-istima biex jinxtara dan l-apparat tal-logħob hi għola minn dak permess minn *direct order*.

## 23.10 Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Lulju 2020 – Settembru 2020

23.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Settembru 2020.

23.10.2 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ir-rapport finanzjarju tat-tlett xhur: Lulju 2020 – Settembru 2020 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 23.11 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

23.11.1 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex rigward il-Proġett *Slow Streets*, li tinnota li min se japplika għal dan il-proġett, ir-Reġjun Għawdex se jirrifondi massimu ta' €3,000 tal-ispejjeż involuti. Ir-Reġjun Għawdex se jkun qed ifassal ukoll skema speċifikament għal dawk il-Kunsilli li mhux ser jipparteċipaw f'dan il-proġett. Is-Sindku qal li la darba l-preparamenti kien tlestew u l-ispejjeż ħarġu, l-Kunsill mhux se jieħu sehem f'dan il-proġett *Slow Streets*. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jieħu sehem fl-iskema l-oħra ta' €3,000 ta' proġett ambjentali. Ir-Reġjun għandu jiġi nfurmat

b'dan.

23.11.2 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *ATTN: Training for Regional and Local Councils on Advocacy by Kopin.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil dawk preżenti rigward l-avviż li l-Kunsill Lokali jrid joħroġ rigward il-ġbir ta' Skart organiku f'Jum il-Milied u f'Jum l-Ewwel tas-Sena. Kien hemm qbil li minħabba f'Jum il-Milied u f'Jum l-Ewwel tas-Sena mhux se isir ġbir ta' skart organiku ħabba l-fatt li WasteServ Malta ser ikun magħluq, dan isir l-għada s-Sibt 26 ta' Diċembru 2020 u s-Sibt, 2 ta' Jannar 2021 rispettivament. Il-ġabra tal-ħġieġ riċiklabbli għax-xahar ta' Jannar ser issir il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2021 flok fl-Ewwel tas-Sena. Kien hemm qbil li jitqassam avviż mal-ħwienet, fin-*noticeboards* tal-Kunsill u fuq il-paġna tal-Kunsill ta' *Facebook*.

23.11.4 Korrispondenza mingħand Dr D. Camilleri minn *Transport Malta* rigward it-talba għal-*double yellow lines* quddiem ir-residenza 'St Joseph', Triq Ta' Mulejja, Fontana minħabba l-fatt li hemm persuna vulerabbli ħafna u qed ikollu diffikulta biex joħroġ mid-dar. Ir-risposta ta' Dr Camilleri tkun li biex isiru dawn id-*double yellow lines* ir-resident jrid ikollu l-*blue card*.

23.11.5 Ċirkulari Nru AKL 2020/131 – *Rates for Traffic Management Services offered by the Agency.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.6 Ċirkulari Nru AKL 2020/132 – *Influenza vaccine schedule in health centres.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li f'Għawdex dawn ser jingħata fil-*Health Clinic* tar-Rabat u f'dak Ta' Kerċem. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.7 Korrispondenza mingħand is-Sa. M Gauci mill-*Happy Parenting – Malta for Happier Children* bis-suġġett *Press Release from Savio Athletics Club re this Year's Round Malta Relay in Aid of Happy Parenting – Malta (for Happier Children).* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.8 Korrispondenza mingħand il-PA rigward Applikazzjonijiet Nru: PA/05280/20, PA/07965/20, PA/07280/20, PA/08132/20, PA/02561/20, u PA/07232/20. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.9 Korrispondenza mingħand is-Sa. S. Agius mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward Strateġija tal-Informatika – Titjib fl-Infrastruttura tan-Networks fil-Kunsilli Lokali, Reġjuni u Tribunali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill issuġġerixxa li jiġi nstallat *cabinet* apposta fl-uffiċċju tal-Kunsill biex wieħed ikun jista' jpoġġi l-*modems* u apparat ieħor f'dan il-*cabinet* b'mod aktar pulit. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.10 Direttiva DLG 7A/2019 – *Addendum: Risk Assessment tal-Playing Fields* madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.11 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Debattista mill-EUPA rigward *Erasmus+ and European Solidarity Corps Programme – End of Year Conference.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.12 Korrispondenza mingħand is-Sa. G. Zerafa Piccinino mill-Uffiċċju tal-President rigward *Kartolina għall-Istrina.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.13 Korrispondenza mingħand is-Sa. C. Fenech mill-Awtorita' tal-Artijiet rigward *Board Decision on devolution requests of Site at Għajn il-Kbira, Għajn ta' Bendu u Shelter.* F'din il-korrispondenza hemm id-deċiżjoni tal-bord f'Marzu 2018 dwar it-talba tal-Kunsill Lokali Fontana għad-devoluzzjoni tas-siti: *Site at Għajn il-Kbira; Għajn ta' Bendu u x-Shelter at Pjazza l-Għejjun.* Mal-korripondenza ntbagħtet ukoll kopja tal-*valuation reports* li saru mill-perit tal-Awtorita' tal-Artijiet f'Ġunju 2019 għat-tlett siti msemmija hawn fuq. Hi qalet li dawn il-valutazzjonijiet se jservu bħala l-kera annwali mitluba mill-Awtorita' lil Kunsill Lokali tal-Fontana b'effett mill-2018. Il-kirja tkun għal ħames snin u tiġġedded kull ħames snin. Hi kompliet billi qalet li qegħda fil-proċess li tiddraftja il-kuntratti. Hi qalet li l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni tar-Replika tal-Għajn tal-Loġoġ, il-bankini li jinsabu fi Pjazza l-Għejjun u l-Belvedere fi Triq Għajn Tuta (GOV1/2020/0734) qegħda fl-istadju li jsir il-*board memo* u titella' quddiem id-*Disposal Committee* ghall-approvazzjoni. Il-Belvedere huwa konfermat li huwa sit pubbliku u mhux mikri bħal kumplament tas-siti mitluba għad-devoluzzjoni f'din l-applikazzjoni. Is-Sur Horace Micallef staqsa l-kuntratti hux ser isiru b'lura. Is-Sindku wieġeb li s-Sa. Fenech hekk indikat fl-imejl tagħha. Is-Sindku talab biex din il-korrispondenza tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

23.11.14 Ċirkulari UPM Nru. 19/2020 – Il-Kwalita' fis-Servizz Pubbliku u l-

*Quality Award.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.15 Komunikazzjoni mingħand *DCapitals Band* bis-suġġett *Pop into Christmas.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.16 Ċirkulari DG/K/1/2020 bis-suġġett – Tnedija tal-Proċess għas-Sejħa ta' Interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill jaqbel ma' din is-sejħa ta' interess. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

23.11.17 Skema SPI.SCI.7.2020 – Espressjoni ta' Interess – *Smart Solutions* għall-Immaniġġjar tal-Iskart. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jista' jagħmel numru ta' *smart bins* u sistema ta' *CCTV Cameras* fil-Wied tax-Xlendi, fejn kien sar it-tindif u r-rijabilitazzjoni li hemm fil-konfini tal-Fontana. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din l-iskema se tiffinanzja 85% tal-ispiża. Kien hemm qbil dwar dan.

23.11.18 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Zammit mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Skema ta' *Neutering* għall-qtates tat-triq – Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.19 Korrispondenza mill-FSWS bis-suġġett Is-Servizzi Soċjali f'Għawdex... M'għadhomx jieqfu fiċ-Ċirkewwa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/133 – Istrina 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.21 Korrispondenza mis-Sur M. Cohen minn Transport Malta bis-suġġett *Work Restrictions during the Festive Season.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.22 Korrispondenza mis-Sur F. Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: The URBACT Malta Newsletter.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.23 Korrispondenza mis-Sur C. Mercieca mid-Dipartiment tal-*Fisheries* bis-suġġett *DFA – Event of Fishing for Recipes.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.24 Korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar bis-suġġett *Planning Authority Notice – Have your say – Review of South Malta and*

*Central Malta Local Plans (Industrial Parks of Imrieħel and Marsa).* Is-Sindku wieġeb fl-opinjoni tiegħu din intbgħatet ħażin għax il-Kunsill m'għandux x'jaqsam mal-*Local Plans* ta' dawn iż-żoni.

23.11.25 Invit mill-Għaqda Żgħażagħ Fontana, għall-Quddies ta' Ringrazzjament u Kommemorazzjoni tal-5 snin anniversarju mit-twaqqif. Is-Sur Horace Micallef wieġeb li attenda għal din il-quddiesa.

23.11.26 Komunikazzjoni min-naħħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn innotat il-korrispondenza min-naħħa tal-Kunsill rigward PA/06898/20 fejn it-triq imsemmija suppost tkun Triq il-Għajn u mhux Triq Għajn Tuta.

23.11.27 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza li ntbgħatet lill-Kunsilli Lokali Għawdxin għal min hu interessat li jinħatar bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Il-Fontana. Ħadd ma wera interess f'din il-ħatra. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jinforma lid-Dipartiment. Kien hemm qbil.

23.11.28 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett *Re Greening the Islands – NESOI Call.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill Lokali tal-Fontana mhux wieħed mill-firmatarji tal-Patt tas-Sindki.

23.11.29 Korrispondenza mingħand is-Sa. M Gauci mill-*Happy Parenting – Malta for Happier Children* bis-suġġett *17 Days Awareness Campaign on Parental Alienation Family Violence.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.30 Korrispondenza mill-MEUSAC bis-suġġett *FW: Online Discussion: 'Together for Europe's Recovery – Review of the German Presidency of the Council of the EU.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.31 Korrispondenza mingħand is-Sur M. Mamo mill-*British High Commission* bis-suġġett *UK Nationals Information Campaign.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.32 Ċirkulari DLG 07/2020 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2021. Is-Sindku qal li din is-sena l-allokazzjoni li ngħatat lil Kunsill Lokali tal-Fontana hija ta' €176,520.

23.11.33 Ċirkulari Nru AKL 2020/134 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 40.

Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.34 UPM Ċirkolari Nru: 23/2020 – Festini tal-Milied, kartolini uffiċjali u rigali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.11.35 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. C. Vella mill-Awtorita' tal-Ippjanar, bis-suġġett *Planning Authority – Development Planning Fund Project Reference LCF/71/2018 and LCF/72/2018.* Is-Sindku wieġeb li issa la darba l-kuntrattur bagħat il-*works programme*, jista' jiġi ffirmat il-kuntratt abbażi ta' dan il-*works programme.*

23.11.36 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Camilleri mill-*Strategy & Support Division* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bis-suġġett *Residential Roads Programme – Updated.* Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jibgħat lura li ġie ffirmat il-kuntratt fil-25 ta' Novembru 2020, imma sa dakinhar il-Kuntrattur li ħa l-offerta tal-bdil tal-mejn u s-servizzi tad-drenaġġ kien għadu ma ġabx il-*performance guarantee,* l-*insurance* u l-*programme of works*.

23.11.37 DLG Direttiva 7/2020 – Direttiva dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali. Din id-direttiva tgħid li b'konsegwenza tal-emendi li għadhom kif saru fl-Att dwar Gvern Lokali – Kap 363, il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali (dwar il-Budget u l-Pjan ta' Ħidma) jistgħu jsiru b'dawk il-metodi li l-Kunsill Lokali jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi eċċezjonali preżenti tal-pandemija. Dawn il-mezzi jistgħu jinkludu mezzi virtwali, iżda f'kull każ, trid tiġi assigurata l-aċċessibilita' tal-membri tal-pubbliku. Din id-direttiva hi applikabbli b'mod immedjat. Dawn l-istess emendi li saru fl-Att dwar Gvern Lokali jipprovdu wkoll li l-laqgħat tal-Kunsill Lokali li saru sa mill-bidu tal-Pandemija COVID-19, sal-lum li ma sarux fl-uffiċini amministrattivi tal-kunsill mhux ser jitqiesu li saru bi ksur tal-liġi. Is-Sindku qal li fl-aħħar intlaqgħet it-talba tal-Kunsill biex isiru l-laqgħat *online*.

23.11.38 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq stima mingħand is-Sur J. Grima - Archaeological Services rigward ix-xogħlijiet ta' tisbieħ bil-porvido fit-Triq iċ-Ċentru Parrokkjali u f'parti minn Triq Ta' Mulejja (wara is-Sagristija). Kien hemm qbil minn dawk preżenti fuq l-istima.

23.11.39 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll il-programm ta' xogħlijet li bagħat il-Perit tal-Kuntrattur rigward il-proġett ta' tisbieħ bil-porvido

fit-Triq iċ-Ċentru Parrokkjali u f'parti minn Triq ta' Mulejja. Is-Sindku wieġeb li dan bagħtu fl-aħħar ġurnata u importanti li l-Kuntrattur iżomm miegħu. Hu kompla billi qal li issa l-Kunsill jista' jiffirma l-kuntratt mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

23.11.40 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri dwar l-ikla tal-Milied tal-membri tal-Kunsill biex tinstab ġurnata għal din l-attivita'. Kien hemm qbil din issir nhar il-21 ta' Diċembru 2020 hekk għas-7.30pm.

23.11.41 Ilment Nru 36 / 2020
Qed jitlob biex isiru żewġ kaxxi *loading/unloading* quddiem il-garaxxijiet fi Triq l-Isptar San Ġiljan kif jidher fil-pjanta annessa. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jibgħat din it-talba lil Transport Malta. Kien hemm qbil.

## 23.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

23.12.1 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal li għandu ilment li qed ipoġġu xi *pelletts,* qsari u affariiet oħra biex ma' jipparkjawx quddiem residenzi fi Triq is-Sajjieda. Hu qal li min għamel l-ilment ġie jinforma ukoll lil Kunsill. Is-Sindku wieġeb li dan ir-resident ġie jagħmel ilment il-Kunsill, u l-Kunsill bagħat l-ilment lil LESA.

23.12.2 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab aġġornament fuq il-ħajt li qiegħed fil-periklu li jaqa' mal-għalqa, malli ddur għal Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill bagħat lis-sid darbtejn biex jirranġa dan il-ħajt kemm jista' jkun malajr. Is-Sindku wieġeb biex nirraportaw lil Pulizija. Kien hemm qbil.

## 23.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

23.13.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 18/2020 għall-perjodu bejn is-26 ta' Novembru 2020 u l-15 ta' Diċembru 2020 li tammonta għal €10,739.71 ġiet approvata u ffirmata.

## 23.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu

bejn il-membri d-data tal-laqgħa għandha tiġi komunikata aktar tard.

Konfermati, illum il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv

## Fontana Local Council at Local Councils

| | |
|---|---|
| **From:** | Fenech Catherine at Lands Authority |
| **Sent:** | Thursday, December 3, 2020 12:21 PM |
| **To:** | Fontana Local Council at Local Councils |
| **Cc:** | Cassar Josianne at Local Government; Pisani Marisa at Local Government; Diacono Dorianne at Local Government |
| **Subject:** | Board Decision on devolution requests of Site at Ghajn il-Kbira, Ghajn ta' Bendu u Shelter |
| **Attachments:** | Board Decision on Site at ghajn ilkbira_ghajn ta bendu & shelter.pdf; valuation reports for site at ghajn ilkbira_ghajn ta bendu & shelter.pdf |

Ghaziz Neville,

Attached gentilment se ssib ghar-records taghkom id-decizjoni tal-Board dwar it-tlba tal-KL Fontana ghad-devuluzzjoni tas-siti: Site at Ghajn il-Kbira; Ghajn ta' Bendu u x-Shelter at Pjazza l-Ghejjun. Gentilment qed nibghat ukoll kopja tal-valuation reports li saru mill-perit tal-Awtorita' ghal dawn it-tlett siti msemmija diga hawn fuq. Dawn il-valutazzjonijiet se jservu bhala l-kera annwali mitluba mill-Awtorita lil KL Fontana b'effett mill-2018. Il-kirja tkun ghal hames snin u tiggedded kull hames snin. Qedha fil-process li niddraftja il-kuntratti. Tuni ftit cans ghax fuq il-kunsilli nahdem wahdi u ghandi ghexieren ta' kuntratti godda u renewals x'niehu hsieb.

L-applikazzjoni ghad-devuluzzjoni tar-Replika tal-Ghajn tal-Logog, il-bankini li jinsabu fi Pjazza l-Ghejjun u il-Belvedere fi Triq Ghajn Tuta (GOV1/2020/0734) issa qedha fl-istadju li naghmel il-board memo ha ntellaha quddiem id-Disposal Committee ghall-approvazzjoni. Il-Belvedere huwa konfermat li huwa sit pubbliku u mhux mikri bhal kumplament tas-siti mitluba ghad-devuluzzjoni f'din l-applikazzjoni.

Inselli ghalik,

Catherine

CATHERINE FENECH
Liaison Officer for the Local Councils

LANDS Authority

**Catherine Fenech**
Senior Manager Research & Policy
catherine.fenech@landsauthority.org.mt
+356 2295 3000
Auberge de Baviere, St. Sebastian Street, Valletta VLT 2000
www.landsauthority.org.mt

Accountability | Efficiency | Sustainability

CONFIDENTIALITY NOTICE: This e-mail message, including any file/s or document/s attached thereto, is confidential and may also be legally privileged. It is intended solely for the use of the addressee(s) and cannot be relied upon by any person other than the addressee(s). If you are not the named addressee: (i) you are hereby notified that any use, dissemination, distribution, printing or copying of this message is strictly prohibited; (ii) you may not read, copy, forward, disclose or otherwise use it or any part thereof in any manner whatsoever; (iii) you are kindly asked to destroy the message (and any attachment/s) and delete it from your computer system; and (iv) you are to urgently notify the sender accordingly by return e-mail. Any individual communicating with the Lands Authority by email will be deemed to have accepted the risks associated with sending information by email being interception, amendment and loss as well as the consequences of incomplete or late delivery. All reasonable precautions will be taken to respect the privacy of individuals in accordance with the Authority's Privacy Notice.
https://landsauthority.org.mt/resources/policies/privacy-policy/

**MINUTI**
**SITTA W ERBGĦIN SEDUTA**

**TAL-BORD TAL-GVERNATURI TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET**

**MIŻMUMA NHAR IL-ĠIMGĦA 09 TA' MARZU, 2018 FIT-8.30A.M.**
**FIL-BERĠA TAL-BAVIERA, VALLETTA**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| **L-Imħallef Carmelo Farrugia Sacco** | ***Chairperson*** | **CFS** |
| **L-Avukat John Vassallo** | **Viċi-Chariman** | **JV** |
| **L-Avukat Maria Cardona*** | **Membru** | **MC** |
| **L-Onorevoli Alex Muscat*** | **Membru** | **AM** |
| **L-Onorevoli Ryan Callus*** | **Membru** | **RC** |
| **Is-Sur Paul Mifsud*** | **Membru** | **PM** |
| **L-Perit Joseph Scalpello** | **Membru** | **JS** |
| **L-Perit Michelle Piccinino*** | **Membru** | **MP** |
| **L-Perit Odette Lewis*** | **Membru** | **OL** |

**Is-Sur William Wait bagħat jiskuża ruħu.**

**Is-seduta bdiet għall-ħabta tat-08:30a.m. Ic-*Chairperson* ippresjeda.**

99c/2018 - Il-Bord iddiskuta l-applikazzjoni tal-files bin-L337/2008, L93/2006, L207/2008, L268/2010 għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Fontana fir-rigward tas-sit ta' Pjazza l-Għejjien, Għawdex. Il-Bord iddiskuta l-applikazzjoni u approva l-applikazzjoni bid-deċiżjoni segwenti:

*sabiex it-trasferiment isir taħt l-artikolu 31(d) tal-KAP 573 tal-Liġijiet ta' Malta.*

19 MAR 2018

35A

LANDS Authority

## Valuation Report as per CAP573

**Summary**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Date of Valuation:** | 14th June 2019 | **Reference:** | L/93/2006 |
| **Application No:** | GLA21/2017/000X | | |
| **File Number:** | L/93/2006, L/337/2008 | | |
| **Property Description:** | Shelter at Pjazza l-Ghejjun Fontana (Gozo) | | |
| **Property Number:** | E21385 | | |
| **Plan Reference:** | P.D. NO: 2010_369_A | | |
| **Plan Date:** | 18/06/2010 | | |
| **Property Area:** | 12m² circa | | |

| | |
|---|---|
| **Documents included:** | Files |
| **Estimated Value** | Two hundred and fifty Euro per annum (€250pa) |

**Valuation report:**

| |
|---|
| **The date with reference to which the property was valued** |
| 14th June 2019 |
| **The state which it is calculated that the property was in on the date with reference to which the property was valued** |
| N/A – Valuation based on standard rates used for the devolution of property to local councils |
| **The use which was being made of the property on the date with reference to which it was valued, including information as to whether the property was at the said time subject to rights of third parties such as emphyteusis, use, usufruct or lease** |
| N/A – Valuation based on standard rates used for the devolution of property to local councils |
| **The comparable transactions, if any, with reference to which the property was valued** |
| Standard rates used for the devolution of similar property to local councils |
| **The restrictions from the scheming in accordance with the local plans and, or other pertinent reasons** |
| Not relevant. The valuation is being carried out for the devolution of the property for a specific use by the local council. |
| **The method which made them reach such valuation** |
| Application of standard rates. |

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

LANDS
Authority

| Other information deemed relevant |
| --- |
| |

Details of *Periti* and *Experts* drawing up estimate

| | | |
| --- | --- | --- |
| **Perit 1:** | Name & Surname | Stefan Scotto |
| | Warrant No: | 381 |
| | Signature | |

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

35B

LANDS
Authority

## Valuation Report as per CAP573

**Summary**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Date of Valuation:** | 14th June 2019 | **Reference:** | L/268/2010 |
| **Application No:** | GLA21/2017/000X | | |
| **File Number:** | L/268/2010, L/337/2008 | | |
| **Property Description:** | Site at l-Ghajn il-Kbira<br>Pjazza l-Ghejjun<br>Fontana (Gozo) | | |
| **Property Number:** | E26216 | | |
| **Plan Reference:** | P.D. NO: 2010_987_1 | | |
| **Plan Date:** | 25/09/2014 | | |
| **Property Area:** | 108m² circa | | |

---

| | |
|---|---|
| **Documents included:** | Files |
| **Estimated Value** | One hundred and fifty Euro per annum (€150pa) |

**Valuation report:**

| |
|---|
| **The date with reference to which the property was valued** |
| 14th June 2019 |
| **The state which it is calculated that the property was in on the date with reference to which the property was valued** |
| N/A – Valuation based on standard rates used for the devolution of property to local councils |
| **The use which was being made of the property on the date with reference to which it was valued, including information as to whether the property was at the said time subject to rights of third parties such as emphyteusis, use, usufruct or lease** |
| N/A – Valuation based on standard rates used for the devolution of property to local councils |
| **The comparable transactions, if any, with reference to which the property was valued** |
| Standard rates used for the devolution of similar property to local councils |
| **The restrictions from the scheming in accordance with the local plans and, or other pertinent reasons** |
| Not relevant. The valuation is being carried out for the devolution of the property for a specific use by the local council. |
| **The method which made them reach such valuation** |
| Application of standard rates. |

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

LANDS Authority

| Other information deemed relevant |
| --- |
| |

Details of *Periti* and *Experts* drawing up estimate

| | | |
| --- | --- | --- |
| **Perit 1:** | Name & Surname | Stefan Scotto |
| | Warrant No: | 381 |
| | Signature | |

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

35C

LANDS Authority

## Valuation Report as per CAP573

**Summary**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Date of Valuation:** | 14th June 2019 | **Reference:** | L/207/2008 |
| **Application No:** | GLA21/2017/000X | | |
| **File Number:** | L/207/2008, L/337/2008 | | |
| **Property Description:** | L-Ghajn ta' Bendu<br>Pjazza l-Ghejjun<br>Fontana (Gozo) | | |
| **Property Number:** | E21466 | | |
| **Plan Reference:** | P.D. No: 2010_581 | | |
| **Plan Date:** | 06/08/2010 | | |
| **Property Area:** | 26m² circa | | |

| | |
|---|---|
| **Documents included:** | Files |
| **Estimated Value** | One hundred and fifty Euro per annum (€150pa) |

**Valuation report:**

| |
|---|
| **The date with reference to which the property was valued** |
| 14th June 2019 |
| **The state which it is calculated that the property was in on the date with reference to which the property was valued** |
| N/A – Valuation based on standard rates used for the devolution of property to local councils |
| **The use which was being made of the property on the date with reference to which it was valued, including information as to whether the property was at the said time subject to rights of third parties such as emphyteusis, use, usufruct or lease** |
| N/A – Valuation based on standard rates used for the devolution of property to local councils |
| **The comparable transactions, if any, with reference to which the property was valued** |
| Standard rates used for the devolution of similar property to local councils |
| **The restrictions from the scheming in accordance with the local plans and, or other pertinent reasons** |
| Not relevant. The valuation is being carried out for the devolution of the property for a specific use by the local council. |
| **The method which made them reach such valuation** |
| Application of standard rates. |

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

LANDS
Authority

| Other information deemed relevant |
| --- |
| |

**Details of *Periti* and *Experts* drawing up estimate**

| | | |
| --- | --- | --- |
| **Perit 1:** | Name & Surname | Stefan Scotto |
| | Warrant No: | 381 |
| | Signature | |

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt